# L-Indiċi tal-Produzzjoni Industrijali (IIP): Jannar tal-2024

NR 047/2024 Data tal-Ħruġ: 12 ta’ Marzu 2024 Data tal-Għeluq: 08 ta’ Marzu 2024

**Din l-istqarrija tal-aħbarijiet tinkludi reviżjoni ppjanata ta’ importanza akbar marbuta mat-tiġdid tas-sena bażi li kienet imħabbra fl-Avviż ta’ Tagħrif għall-Istampa tal-20 ta’ Frar 2024. Din l-attività ta’ rutina, li ssir kull ħames snin, tiżgura l-konsistenza u r-reqqa tal-istatistika bikrija tan-negozju. Il-perjodu ta’ riferenza tal-indiċi ġie aġġornat minn 2015=100 għall-2021=100.**

*F’Jannar tal-2024, il-produzzjoni industrijali naqset b’5.5 fil-mija meta mqabbla ma’ Jannar tal-2023.*



L-Indiċi tal-Produzzjoni Industrijali (IIP) huwa indikatur taċ-ċiklu tan-negozju. Kull xahar, huwa jieħu qies bikri tat-tibdil fil-volum tal-produzzjoni industrijali tan-negozji domestiċi fil-manifattura, l-enerġija, u l-barrieri f’Malta.

**Il-Produzzjoni Industrijali Sħiħa – Tqabbil mas-sena ta’ qabel**

F’Jannar tal-2024, l-indiċi tal-produzzjoni industrijali naqas b’5.5 fil-mija meta mqabbel mal-istess xahar tal-2023. Meta kienet esklużа l-enerġija, l-indiċi naqas b’5.1 fil-mija (Ċart nru 1).

## Ċart nru 1. Paragun annwali tal-produzzjoni industrijali sħiħa

Id-differenza perċentwali li toħroġ mit-tqabbil mal-istess xahar tas-sena ta’ qabel




**Il-Produzzjoni tal-Manifattura – Tqabbil mas-sena ta’ qabel**

F’Jannar tal-2024, il-produzzjoni tal-manifattura naqset b’5.9 fil-mija. L-akbar tnaqqis kien irreġistrat fil-produzzjoni ta’ prodotti tal-kompjuters, tal-elettronika u tal-vista, u ta’ vetturi bil-mutur (19.0 fil-mija). Wara dan, kien hemm tnaqqis fil-produzzjoni tal-injam, tal-prodotti tal-karta u l-istampar (16.2 fil-mija) u fil-produzzjoni ta’ manufattura oħra (6.0 fil-mija). Min-naħa l-oħra, il-produzzjoni ta’ prodotti kimiċi u tal-farmaċewtika; il-produzzjoni ta’ prodotti tal-lastku, tal-plastik u prodotti oħra minerali mhux tal-metall; u l-produzzjoni ta’ prodotti tal-ikel u tax-xorb żdiedu bi 8.5 fil-mija, b’6.3 fil-mija u b’5.9 fil-mija, rispettivament (Ċart nru 2).

## Ċart nru 2. Il-produzzjoni tal-manifattura - paragun annwali ta’ ċerti oqsma

Id-differenza li toħroġ mit-tqabbil mal-istess xahar tas-sena ta’ qabel




**Il-Produzzjoni Industrijali – Tqabbil mas-sena ta’ qabel mqassam bl-iggruppar industrijali ewlieni**

Il-Gruppi Industrijali Ewlenin (MIGs) jagħtu analiżi alternattiva tal-istatistika tal-attivitajiet ekonomiċi kklassifikati skont kategoriji ta’ użu aħħari. Huma jgħaqqdu flimkien diversi taqsimiet, gruppi u klassijiet tan-NACE (ara t-tabella metodoloġika għal aktar tagħrif).

F’Jannar tal-2024, il-produzzjoni tal-enerġija, tal-oġġetti kapitali u tal-oġġetti tal-konsum naqsu bi 17.0 fil-mija, b’10.9 fil-mija u b’5.4 fil-mija, rispettivament. Għall-kuntrarju ta’ dan, kien hemm żieda ta’ 5.5 fil-mija fil-produzzjoni tal-oġġetti intermedji (Ċart nru 3).

## Ċart nru 3. Paragun annwali maqsum bl-iggruppar industrijali ewlieni

Id-differenza perċentwali li toħroġ mit-tqabbil mal-istess xahar tas-sena ta’ qabel




**Il-Produzzjoni Industrijali aġġustata għall-effetti tal-istaġun – Tqabbil max-xahar ta’ qabel**

Dehra aktar ċara tal-iżviluppi ekonomiċi tista’ tinkiseb meta l-indiċijiet ikunu aġġustati għall-effetti tal-istaġun. Dawn l-effetti, li jitfaċċaw minn żmien għal żmien, jitneħħew mis-serje tal-indiċi sabiex ikunu jistgħu jsiru l-paraguni xahar ma’ xahar (ara l-punti metodoloġiċi 5 u 6).

F’Jannar tal-2024, l-indiċi tal-produzzjoni industrijali aġġustat għall-effetti tal-istaġun naqas b’9.4 fil-mija meta mqabbel ma’ Diċembru tal-2023 sabiex laħaq 102.9 punti (2021=100) (Ċart nru 4).

## Ċart nru 4. L-Indiċi tal-produzzjoni industrijali aġġustat għall-effetti tal-istaġun

Indiċi (2021 = 100)

